MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2004

Avviz Numru. 572/2003

Seduta ta’ nhar it-Tnejn, 26 ta’ Jannar, 2004.

Avviz Nru. 572/03

Pater Finance Co. Ltd.

vs

Pierre Dingli Attard u
martu Simone Dingli Attard

Il-Qorti

Rat l-avviz permezz ta’ liema l-atturi talbu l-kundanna tal-konvenuti sabiex ihallsu s-somma ta’ elfejn u mitt lira Maltin (Lm2,100), rapprezentanti import ta’ seba’ (7) kambjali, kollha ta’ Lm 300-il wahda debitament accettati u skaduti minn Mejju 2003 sa Novembru, 2003 rispettivament u mhux imhallsa, annessi ma’ l-avviz bhala

dokumenti minn numru 1 sa 7 konsekuttivament u inklussivament.

Bl-imghax legali mill-iskadenza ta’ kull kambjala li sas-16 ta’ Novembru, 2003 jammontaw ghall-Lm59 oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv u bl-ispejjes kontra il-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat li l-konvenuti debitament notifikati ma dehrux biex jikkontestaw t-talbiet attrici u lanqas ma dehru fis-seduta tal-lum biex jirrispondu ghad-domanda in subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-atti tal-kawza ssib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Il-Qorti ghalhekk qeghda tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu s-somma mitluba ta’ Lm2,100 (elfejn u mitt lira Maltin) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz bl-imghax legali ta’ Lm59 (disa u hamsin lira Maltin) sas-16 ta’ Novembru, 2003.

Bl-ispejjes kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------